MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 188/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Joseph Mizzi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra Joseph Mizzi ta' 46 sena, imwieled Ħ'Attard u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 117365(M) bint Jospeh u Raffaella nee Axisa u joqgħod Simpson, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xgħajra għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija Chef Choice Limited, Chef's Choice, Triq il-Latmija, Zabbar

Akkużat talli fit-13 ta' Settembru 2011 u fix-xhur ta' qabel ġo Chef Choice Limited, Triq il-Latmija, Żabbar naqas illi jħares kull ikel (frozen processed meat and poultry products and frozen fish and seafood products) li jintmess, jinħażen u jiġi esibit kontra kull kontaminazzjoni li x'aktarx tirrendi dan

l-ikel mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, dannuż għas-saħħa jew kontaminat b'tali mod li ma jkunx raġonevoli li wieħed jippretendi li dan għandu jiġi kkunsmat f'dak l-istat u b'mod partikolari naqas li tqiegħed l-istess ikel b'mod li jiġi protett u li jnaqqas kull riskju ta' kontaminazzjoni.

Rat is-sentenza tad-19 t'April, 2013 li fiha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' elf Ewro waqt li ordnat lill-imputat jikkonforma ruħu man-nuqqas identifikat f'din is-sentenza skont id-direzzjonijiet tal-Ispettur Sanitarji waqt li spejgat fi kliem sempliċi li jkun hemm riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tkunx obduta.

Rat ir-rikors tal-appell intavola fit-30 t'April, 2013 fejn l-appellant lil din il-Qort tħassar u tirrevoka s-sentenza tad-19 t'April 2013 filwaqt li tagħti dawk il-provvedimenti kollha neessarji u opportuini li jidhrilha xierqa.

Illi l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor dawn li ġejjin:

(a) Is-sentenza ma tirriflettix l-akkuża miġjuba minħabba li Joseph Mizzi kien akkużat għan-nom u in rappreżentanza ta' Chef's Choice Limited waqt li s-sentenza dan ma tirriflettihx.

(b) Illi ma kienx ippruvat li Joseph Mizzi jirrapreżenta lis-soċjeta' Chef's Choice Limited.

(ċ) Illi l-post indikat fiċ-ċitazzjoni fejn seħħ l-allegat reat huwa 'ġo Chef Choice Limited  u allura l-istabbiliment ma kienx speċifikat korrettement.

(d) Illi l-liġi riedet tisslvagwardja li jittiekel ikel f'dak li stat li hu.  F'dan il-każ din it-tip ta' akkuża qatt ma tista' treġi għaleix l-ikel esibit qatt m'hu ser ikun ikkunsmat f'dak l-istat.  Dan irid jiddforstja u wara jrid jissajjar.   Allura r-regolament 4 ma japplikax.

(e) Illi assolutament mhux minnu li Chef's Choice Limited qed tikser xi dispożizzjoni tal-liġi u dan għal diversi raġunijiet.  Li kieku kien hemm biża' ta' kontaminazzjoni, il-Kummissjoni kienet tintervjeni mal-ewwel. Ix-Chef Choice ġabet espert li wera li l-attivita' ma tmurx kontra r-regolamenti sanitarji. It-temperatura tal-ikel hija – 22C u l-ikel mhux 'ready to eat'.  Is-soċjeta' Chef Choice Limited

tikkonforma ruħha mal-HACCP.  Il-prattika użata minn din is-soċjeta' hija pprattikata f'pajjiżi oħra. Barra dan hemm it-tongs gaħd-dipożizzjoni tal-pubbliku.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Ikkonsidrat

**Punti ta' Liġi**

L-artikoli tal-Liġi relevanti għall-każ huma dawn:

(i) Ir-regolament 4 tad-IX parti tal-Avviż Legali 264 tas-sena 2002, illum indikat bħala liġi sussidjarja 449.31 jgħid hekk:

'4. Kull ikel li jintmess, jinħażen, jiġi ppakkjat, esibit u trasportat għandu jitħares kontra kull kontaminazzjoni **li x'aktarx tirrendi** dak l-ikel mhux tajjeb għall-konsum tal-bniedem, dannuż għas-saħħa jew kontaminat b'tali mod li ma jkunx raġonevoli li wieħed jippretendi li dan għandu jiġi kkunsmat **f'dak l-istat**. B'mod partikolari, l-ikel għandu hekk jitqiegħed u, jew jiġi protett li jnaqqas kull riskju ta' kontaminazzjoni.'

Fil-verżjoni Ingliża, dan ir-regolament jidher hekk:

4. All food which is handled. stored, packaged, displayed and transported shall be protected against any contamination **likely** to render the food unfit for human consumption, injurious to health or contaminated in such a way that it would be unreasonable to expect it to be consumed in that state. In particular, food must be so placed and / or protected as to minimise any risk of contamination.

(ii) Fl-istess Avviż Legali l-kelma 'proprjetarju' hija definita kif ġej:

"proprjetarju" dwar negozju fl-ikel tfisser il-persuna jew persuni li permezz tagħhom isir in-negozju u tinkludi sidien u okkupanti ta' xi fond, detenturi ta' liċenza dwar in-negozju jew fond, u l-persuni li jidhru fuq ir-reġistru ta' postijiet mnejn jinbiegħ l-ikel;

(iii) Min-naħa l-oħra l-Kap 449 jagħti dawn id-definizzjonijiet tal-kelma 'persuna'

''persuna li jkollha liċenza'' tfisser kull persuna li tkun lilha ingħatat liċenza jew kull persuna li taġixxi f'lokha;

''persuna responsabbli'' tfisser il-persuna li tkun responsabbli għan-negozju tal-ikel, għall-post tal-ikel jew għall-prodott tal-ikel u, fl-assenza tagħha, tinkludi dak l-impjegat jew dik il-persuna l-oħra, li tkun l-impjegat jew il-persuna l-aktar anzjani preżenti, li tkun imqabbda topera n-negozju tal-ikel jew il-post tal-ikel f'dak il-ħin; dak l-impjegat jew dik il-persuna l-aktar anzjani jkunu preżunti li jkunu qed jaġixxu taħt l-awtorità tal-persuna responsabbli sakemm il-persuna responsabbli ma tippruvax il-kuntrarju;

(iv) Il-Kap 249 (L-Att dwar l-Interpretazzjoni) fl-artikolu 13 jgħid hekk:

'**13.** Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat'

(v) L-artikolu 382 tal-Kap 9 jgħid hekk:

**'382.** Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'

**Punti ta' Fatt.**

Jirriżulta mill-atti li fil-25 ta' Jannar 2010 kienet saret spezzjoni għand Chef Choice Supermarket fejn instabu diversi prodotti qegħdin esposti għall-bejgħ ġġ chest freezers mikxufin u li minnhom setgħu jippikkjaw in-nies. L-imputat kien oġġezzjona għal dak li kienet qed tgħidlu l-kummissjoni dwar ir-riskju ta' kontaminazzjoni. Filfatt fit-23 ta' Frar 2011 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-imputat tinformah li, wara li kienu saru diskussjonijiet fit-tul, iddeċidiet li tirrifjuta t-talba tiegħu. (fol 11). Skont il-Health Inspector Paul Spiteri, dawn il-prodotti kienu qed jintmessu mix-xerrejja. Il-Kummissjoni tinsisti li kull food handler għandu jkun irreġistrat u jkollu ċertu taħriġ. Ix-xerrejja jistgħu jkunu qed jikkontaminaw l-ikel mingħajr ma jafu speċjalment jekk wieħed jagħtas jew jaqbad l-ikel mingħajr ma juża t-tongs. Dawn l-oġġetti mhumiex prepacked u huma frozen mikxufin. Hemm counters bl-ikel tal-baħar u counter bil-laħam. Meta fil-5 ta' Settembru 2011 kienu marru l-ispetturi ma sabu ebda persuna tiegħu ħsieb il-counters u jekk kien ikun hemm persuna, din ma kinitx tagħti l-ikel hi iżda tkun biss viġilanti.

Fil-21 t'April, 2011 huma għamlu spezzjoni oħra u widdbu lill-imputat biex jikkonforma ruħu. Kien hemm follow up oħra fit-13 ta' Settembru 2011.

L-imputat baqa' jinsisti li ma kein qed jara ebda perikolu ta' kontaminazzjoni. Il-kwistjoni kollha kienet dwar il-mod kif l-ikel kien qed jiġi espost.

Fil-kontro-eżami l-Ispettur tas-Saħħa qal li ma ra lil ħadd jaqbad l-ikel b'idejh. Kien hemm ukoll kemm pali kif ukoll tongs. Waħda mit-tabelli kienet 'Do not touch by hand.'

**Dokumenti**

Skont id-dokument a fol 18 il-post jismu 'Chef Choice'. L-isem tal-Licensee/operator/proprietor huwa Jospeh Mizzi ID 117365(M). L-applikazzjoni mal-Food Safety Commission kienet saret mill-imputat.

Fid-dokument 'Memorandum and Articles of Association' l-imputat huwa indikat bħala wieħed mid-diretturi.

A fol 46 tal-proċess hemm l-ittra datata 29 ta' Jannar 2010ndirizzata lill-Food Safety Commission li nkitbet mill-imputat u minn persuna oħra (is-sur Joe Tanti). L-imputat ipprotesta kontra l-ordni li kienet ingħatat mid-dipartiment tas-saħħa sabiex il-fountrer tal-ikel iffriżat ikun sorveljat.

**Aktar Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Mix-xhieda tal-Ispettur tas-Saħħa Jasmine Camilleri jirriżultaw l-istess dettalji bħal dawk mogħtija mill-Ispettur tas-Saħħa l-ieħor. Iżda din żiedet tgħid li ma kienx hemm tongs għal kull tip ta' ikel. L-istess tongs setgħu jintużaw biex tiġbor il-ħut jew il-laħam u ma kienx hemm ebda assistenza.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li kien hemm ħafna prodotti iżda hija ma rat 'il ħadd jaqbad l-affarijiet b'idejh. Ma ftakritx kemm kien hemm tongs.

**Xhieda Difiża**

L-imputat xehed u qal li **huwa d-direttur ta' Chef Choice**. Sad-19 t'Ottubru 2012 kien għadu jinbiegħ l-ikel taħt l-istess kondizzjonijiet ta' qabel. Huwa qal li għandhom counters li jinżammu f'temperatura ta' -18 C. Hemm it-tongs li jistgħu jintużaw min-nies. L-imputat hawn esibixxa numru ta' ritratti. Kien hemm nies li, fil-preżenza tax-xhud l-ispettur tas-saħħa Paul Spiteri, qabdu l-ikel bit-tongs. It-tiġieġ u l-ħut mhumiex flimkien. Huwa qal li dak li kien jagħmel hu kien isir f'pajjiżi oħra. Il-kwistjoni ewlenija bejn il-Kummissjoni u l-imputat kienet li huwa kien qed iħalli n-nies jieħdu l-ikel huma stess. Hawn l-imputat qabel is-sitwazzjoni ma' dak li jsir fil-buffets fil-lukandi.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma ħassx il-bżonn li jkun qed jissorvelja mal-ikel. Minkejja li kien irċieva l-ittra mill-Kummissjoni huwa baqa' juża l-istess sistema.

Xehed ukoll Joe Tanti li huwa microbiologist. Dan qal li wieħed mill-mambri tgħhom huwa Chef Choice. Mill-analiżi li għamlu fuq testijiet li saru fi okkażjonijiet differenti ma sabu ebda ebda 'added bacteria.' Ix-xhud qal li dan huwa ħut iffriżat Jekk hemm xi riskju ta' kontaminazzjoni, dan jeżisti fi kwalunkwe każ fejn jidħol l-ikel. Huwa kien għamel risk assessment ukoll fuq il-ħut u t-tiġieġ. Jekk xi ħadd irid jagħmillek vendikazzjoni din dejjem jista' jagħmilhielek.

Fil-kontro-eżami huwa kien mistoqsi jekk għandux ikun hemm xi ħadd għassa magħhom. Fir-risposta teigħu x-xhud qal hekk:

'Issa meta dawn l-affarijiet isiru f'sueprmarkets oħra barra minn Malta ġo l-Ewropa r-rsik factors tant huma żgħar li meta tagħmel cost benefit analysis ma tiġix li tħalli tleita min-nies għassa ma' naqra ħuta ffriżata.'

Hawn il-Qorti wissiet lix-xhud biex ma jagħtix aktar eżempji għax kien qed joħroġ barra mix-xhieda tiegħu.

Hawnhekk x-xhud intwera l-ittra li kien bagħat hu flimkien mal-imputat lill-Kummissjoni dwar l-Ikel. Il-Prosekuzzjoni insistiet li l-ittra kienet challenge kontra d-deċiżjoni tad-Dipartiment aktar milli deċiżjoni kontra l-Food Safety Commission. Ix-xhud żied jgħid li wara li ngħatat ir-risposta mill-Food Safety Commission huma kienu żiedu l-prekawzjonijiet billi żiedu aktar tongs, il-labels 'do not touch' u kien ta training aktar lil tas-security biex javviċina n-nies meta jarhom ħa jmissu b'idejhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-Ewwel Aggravju.**

L-appellant jgħid li s-sentenza fl-okkju jidher l-isem Joseph Mizzi waqt li fiċ-ċitazzjoni li an kien imħarrek għan-nom ta' u in rappreżentanza tal-Kumpanija 'Chef's Choice Limited.'

Il-Qorti tirreferi għat-tieni, it-tielet u raba' referenza li jidhru taħt il-parti 'Punt ta' Dritt' aktar 'il fuq.

Li trid il-Liġi huwa dejjem li jkun idenifikat il-persuna responsabbli li jkun qed jeġistixxi l-kummerċ. Fi kliem l-Att dwar l-Interpretazzjoni jekk persuna kienet direttur, manager jew segretarju, allura din il-persuna trid tirrispondi għar-reat salv jekk hija tipprova li tkun għamlet minn kollox biex tevita li jsir ir-reat.

Jekk wieħed jeżamina wkoll id-definizzjonijiet l-oħra mogħtija aktar 'il fuq taħt l-istess parti (ara t-tieni u t-tielet referenza), wieħed jikkonkludi li dawn huma konsonanti ma' dak li jgħid l-Att Dwar l-Interpretazzjoni.

F'dan il-każ l-isem li huwa indikat fl-okkju tas-sentenza huwa konformi mal-isem tal-imputat. Wara l-isem hemm ukoll indikat l-ID Card number tiegħu. Dan huwa biżżejjed biex ikun identifikat min hu l-akkużat irrespettivament ta' dak li hemm miktub fit-tieni vers taċ-ċitazzjoni.

Lanqas ma hemm aktar esiġenzi aktar minn hekk fl-artikolu 382 tal-Kap 9 (ara referenza numru 5 aktar 'il fuq) li jirregola x'għandu jkollu sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Fil-proċeduri kriminali m'hemm ebda liġi li tesiġi li s-sentenza għandu bilfors tindika li l-imputat kien direttur ta' xi soċjeta'.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

**It-Tieni Aggravju.**

L-appellant jgħid li ma kienx ppruvat kif huwa jirrappreżanta lis-soċjeta' Chef's Chocie Limited.

Dan mhux eżatt. L-ewwelnett kien l-appellant li meta xehed qal li huwa direttur ta' Chef's Choice Limited. It-tieni fil-Memorandum and Articles of Association jidher indikat bħala Direttur ta' din is-soċjeta'.

Għalhekk saret il-prova li l-appellant huwa direttur ta' Chef's Choice Limited.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**It-tielet Aggravju**

L-appellant jissottometti li l-istabbiliment ma jismux 'Chef Choice Limited' bħalma hemm indikat fiċ-ċitazzjoni.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tarax li hemm xi nuqqas tal-elementi mitluba mill-artikolu 382 tal-Kap 9 dwar dan. Il-post indikat juri biċ-ċar għal-liema stabbiliment qed jirrferi għaliex fit-tieni vers hemm saħansitra indikat 'Chef Choice Triq il-Latmija, Żabbar'. Żgur li dan mux il-każ ta' xi *mistaken identity* jew xi nuqqas fil-preċiżjoni ta' kif għandu jkun indikat imputat.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan it-tielet aggravju.

**Ir-raba' aggravju**

Dan l-aggravju huwa dwar l-elementi essenzjali tar-regolament li jissemma fiċ-ċitazzjoni. Is-sottomissjoni fil-qosor hija 'l-liġi riedet tisslavagwardja ikel f'dak l-istat li hu.' Skont l-appellant, l-ikel frozen irid isir qabel jittiekel u allura dan ir-regolament ma jgħoddx għalih.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpetazzjoni tar-regolament. Żgur li l-leġislatur ried jagħti aktar protezzjoni lill-konsumatur minn hekk. Assolutament li mhux il-każ li għax l-ikel espost bilfors irid jissajjar allura l-kliem 'f'dak l-istat li hu' ma japplikawx. Anzi bilp-maqlub. Dawn il-kliem japplikaw għall-kwalunkwe tip ta' ikel, kemm jekk misjur u kemm jekk le, fejn is-sitwazzjoni hija li l-kontaminazzjoni 'x'aktarx tirrendi li dak l-ikel bħala mhux tajjeb għall-konum mill-bniedem …..jew li ma jkunx raġonveoli li wieħed jippretendi li dan għandu jkun ikkunsmat f'dak l-istat.'

Dan il-kliem bl-ebda mod ma jfisser li jekk l-ikel jista' jinħeles mill-kontaminazzjoni billi jissajjar, allura dan għandu jkun livell aċċettabbli.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju.

**Il-ħames aggravju**

Dan huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan l-aggravju huwa maqassam fit tmien punti. L-ewwel żewġ punti huwa li l-Food Safety Commission damet żmien sew biex ħadet deċiżjoni. It-tielet u r-raba' huwa dwar it-testijiet magħmula mill-espert miġjub mid-difiża. Il-ħames punt huwa dwar li Chef Choice Limited timxi skruplożament mal-HACCP. Is-sitt punt huwa dwar xi trends li hemm f'pajjżi oħrajn. Is-seba' punt huwa li Chef Choice kien għamel tongs biex l-ikel ma jintmissx bl-idejn u waħħal diversi tabelli.Fl-aħħarnett kien hemm tqabbil ma' dak li jsir waqt buffets fil-lukandi.

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda bir-reqqa u jirriżulta biċ-ċar li ma kienx hemm persuna inkarigata biex tqassam l-ikel (ara fol 13) u biex ma tħallix lin-nies jaqbdu l-ikel u jpoġġuh fil-boroż. Il-persuna li tagħti dan it-tip ta' servizz trid tkun imħarrġa sew u trid tkun irreġistrata. Jekk imbagħad tidher xi persuna fl-inħawi fejn jinsabu l-ħut u l-laħam, din tkun waħda viġilanti biss. Barra minn dan irriżulta wkoll li ma kienx hemm tongs għal kull tip ta' ikel (fol 49). L-Ispettur Jasmine Camilleri ikkonfermat li ma kienx hemm assistenza meta hija kienet fuq il-post.

Min-naħa l-oħra l-imputat qal li fl-opinjoni tiegħu ma kienu qed jagħmlu xejn kontra l-liġi. Jirriżulta wkoll li kien hemm korrispondenza bejn l-imputat u l-Food Safety Commission dwar dan il-punt.

L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma tatx każ ta' dak li qal l-'espert' imqabbad (mhux mill-Qorti) iżda minnu stess.

Il-Qorti eżaminat ukoll il-punti mqajma mis-sur Joe Tanti. Jekk jiġabar kollox fil-qosor joħorġu l-punti segwenti:

(i) li dan il-metodu ta' bejgħ huwa parti mill-marketing strategy ta' din l-azjenda minħabba li xi nies jippreferu jagħżlu huma;

(ii) Li kienu ttieħdu l-prekawzjonijiet;

(iii) Li riskju jista' jkun hemm f'kollox;

(iv) li l-ikel mhux 'ready to eat' u li 'there is no logical bacteriological valuable scientific reason' sabiex huma jkunu sforzati sabiex jagħmlu din il-biċċa tax-xogħol;

(v) li mit-testijiet li kien għamel ma rriżulta xejn ħażin;

(vi) lilt as-security kienu tawh training speċjali biex javviċina n-nies meta jarhom imissu b;'idejhom.

**(vii) li meta tagħmel il-cost benefit analysis ma tiġix li tħalli tlieta min-nies għassa ma naqra ħuta iffriżata.**

Minn dan jidher li ttieħdu prekawzjonijiet biex jitnaqqas il-perikolu tal-kontaminazzjoni iżda l-ordni li ngħatat mill-Food Safety Commission ma ġiet obduta kif suppost. Il-punt kruċjali hawn huwa li li jkun hemm bniedem li jissorvelja direttament. Huwa inutli li tingħata direzzjoni lis-security biex iwaqqaf lill-persuni li jkunu qabdu l-ħut jew il-laħam b;idejhom. Dan mhux xogħol li jsir mis-security li, ukoll jekk kellu xi taħriġ, mhux il-persuna assenjata biex tagħmel dan ix-xogħol.

Huwa importanti li l-Food Safety Commission tipprevjeni milli jkun hemm il-kontaminazzjoni. Dan huwa dmir tagħha skont il-liġi u għandha dritt tagħti dawk id-direzzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikun imħares ir-regolament 4 fil-Parti 9 tal-Avviż Legali 264 li llum indikat bħala 449.31. Fil fatt, dan ir-regolament kien riprodott kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż sabiex toħroġ cara l-qawwa tal-kelma ‘x’aktarx’ fit-test Malti u tal-kelma ‘likely’ fit-test Ingliż. Dawn iż-żewġ kelmiet juru li l-prekawzjonijiet meħtieġa mhux biss meta bilfors ser ikun il-kontaminazzjoni iżda wkoll meta **x’aktarx** tista’ ssir. (verżjoni Ingliża ‘likely’) L-argument li l-kontaminazzjoni hija dejjem possibbli ma jeżonerax lill-proprjetarju jew lid-direttur milli jimxi mad-direzzjonijiet tal-Food Safety Commission (Ara Dok JAK 4) . Min imexxi azjenda tal-ikel ma jistax jimxi ma’ dak li jaħseb hu jew b’metodu li għalih aktar jirrendi (ara punt vii tas-sommarju ta’ dak li qal l-espert). Is-saħħa tal-konsumatur tiġi qabel kull konsiderazzjoni finanzjarja ta’ min imexxi. U min hu resposnabbli lanqas ma jista’ jitfa’ r-responsabilita’ fuq il-konsumatur.

Din il-Qorti nnutat ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati kkonkludiet dan ukoll:

‘li mir-ritgratti ‘tongs’ biex jinqabdu l-pordotti ma kinux ristretti għal prodotti per se iżda kien hemm tongs jiġru. Il-konsegwenza kienet li l-konsumatur seta’ faċilment juża dak it-tong għal-lime prodott kien.’

Il-Qorti qed tqis li l-Food Safety Commission ma qabditx u ħadet passi mal-ewwel għax marret fuq il-post aktar minn darba. Għalhekk ingħata ċans lill-appellant biex jobdi din l-ordni.

**Konklużjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija aktar 'il fuq, il-Qorti, wara li rat li fid-fedina penali tal-appellant hemm indikat sitt okkażjonijiet oħra ta' ksur ta' din il-liġi, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismjiet premessi nhar id-19 t'April, 2013 fl-intier tagħha inkluża l-ordni li l-imputat jikkonforma ruħu minnufih man-nuqqas identifikat f'din is-sentenza skont id-direzzjonijiet tal-ispetturi sanitarji.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------